2026/2354

22.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2354

tas-16 ta' Ottubru 2026

dwar il-formati għas-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fih rekwiżiti dwar liema informazzjoni jenħtieġ li tiġi rrapportata lir-reġistri ċentrali tas-sidien benefiċjarji msemmija fid-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza għall-entitajiet li għandhom obbligu li jirrapportaw is-sjieda benefiċjarja tagħhom lir-reġistri ċentrali, tiġi żgurata kwalità konsistenti tad-data miġbura u tiżdied l-interoperabbiltà tar-reġistri ċentrali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti formati komuni għas-sottomissjoni ta' informazzjoni obbligatorja dwar is-sjieda benefiċjarja kif stabbilit fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1640. Sabiex jiġi żgurat li r-reġistrazzjonijiet ikunu kompluti u li r-reġistri ċentrali jkun fihom rekords tad-data kompluti, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' kontroll għar-rekwiżiti minimi.

(3) F'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1624, ċerti kategoriji ta' informazzjoni għandhom dejjem jiġu sottomessi lir-reġistru ċentrali.

(4) Bl-istess mod, il-lista ta' kontroll tirrappreżenta r-rekwiżiti minimi għall-aċċettazzjoni tal-informazzjoni sottomessa dwar is-sjieda benefiċjarja. Sottomissjonijiet li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti minimi kollha ma għandhomx jiġu aċċettati.

(5) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Istati Membri dwar punti ta' data addizzjonali li huma stabbiliti għal finijiet differenti minn dawk segwiti mid-Direttiva 2024/1640 u li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni. Tali finijiet jistgħu jinkludu l-appoġġ għal miżuri ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/1624 jew it-tnaqqis tar-riskju f'każijiet ta' sitwazzjoni ta' riskju speċifika fi Stat Membru.

(6) Dan ir-Regolament ma jkoprix diversi punti ta' data speċifikati fir-Regolament (UE) 2024/1624, minkejja li jenħtieġ li dejjem jiġu sottomessi lir-reġistru fejn disponibbli. Dan japplika għal punti tad-data li l-format tagħhom huwa diġà stabbilit u ma għandux għalfejn jiġi rregolat aktar, bħan-numri ta' identifikazzjoni personali uniċi nazzjonali, in-numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa u l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika.

(7) Ir-reġistrazzjoni hija prerogattiva li titwettaq mill-perspettiva ta' entità ġuridika jew arranġament ġuridiku. Entità ġuridika jew arranġament ġuridiku wieħed jista' jkollu diversi sidien benefiċjarji. L-entitajiet responsabbli għar-reġistri ċentrali jistgħu għalhekk jirreġistraw kull sid benefiċjarju separatament, permezz tal-istess fluss tax-xogħol ripetibbli, sakemm is-sidien benefiċjarji kollha jkunu ġew irreġistrati. Fejn xi sidien benefiċjarji jistgħu jiġu identifikati u xi whud ma jistgħux, il-flussi tax-xogħol ripetibbli għandhom isegwu l-istess loġika u jispiċċaw f'punti differenti.

([1]) ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1640/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj).

(8) Meta entità ġuridika jew arranġament ġuridiku li jissottometti informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja jkun parti minn struttura kumplessa li tinkludi diversi entitajiet ġuridiċi jew arranġamenti ġuridiċi b'rabtiet mal-istess sid jew sidien benefiċjarji, jenħtieġ li tiġi sottomessa rappreżentazzjoni viżiva tal-istruttura tas-sjieda jew tal-kontroll ("organigramma"), peress li hija l-aktar mod faċli għall-utent u aċċessibbli biex tinftiehem l-istruttura korporattiva li l-entità ġuridika jew l-arranġament ġuridiku jappartjenu għaliha. Dik l-organigramma jenħtieġ li jkun fiha rekord komprensiv tal-elementi komposti kollha ta' tali strutturi, b'indikazzjonijiet tan-natura tagħhom u r-rabtiet bejniethom. B'mod partikolari, jenħtieġ li organigramma jkun fiha l-ismijiet u l-forma ġuridika tal-entitajiet ġuridiċi u l-arranġamenti ġuridiċi kollha li huma s-sidien tal-entità ġuridika jew tal-arranġament ġuridiku jew jikkontrollawhom, kif ukoll in-natura u l-firxa ta' tali sjieda jew kontroll, u rappreżentazzjoni viżiva tar-relazzjoni bejn is-sidien benefiċjarji tal-entità ġuridika jew tal-arranġament ġuridiku u l-entitajiet u l-arranġamenti ġuridiċi kollha li huma parti mill-istruttura ta' sjieda u kontroll. Minflok tali ċarts organizzazzjonali, jenħtieġ li l-entitajiet responsabbli għar-reġistri ċentrali jkollhom il-possibbiltà li jiġbru informazzjoni dwar struttura kumplessa f'formati speċifikati jew permezz ta' kampijiet tad-data strutturati jew mhux strutturati jew uploads ta' fajls. Dik il-flessibbiltà tippermetti l-evoluzzjoni tal-aħjar prattiki biex jinqabdu b'mod komprensiv in-natura, l-iskop u l-ispeċifiċitajiet rilevanti kollha ta' struttura kumplessa.

(9) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi filwaqt li jingħata kontribut għal esperjenza aktar bla xkiel għar-reġistranti u għar-reġistri ċentrali, huwa meħtieġ li jiġu previsti ċerti derogi relatati mad-data li diġà hija preżenti f'reġistri oħra u li għandha tingħabar mill-entitajiet responsabbli għar-reġistri ċentrali. Dak jenħtieġ li japplika għal ċerti elementi ta' informazzjoni, inklużi ismijiet, indirizzi, dati tat-twelid, iżda potenzjalment ukoll għal elementi inklużi interessi proprjetarji u diversi tipi ta' data bażika dwar entitajiet ġuridiċi u arranġamenti ġuridiċi. Meta d-data mfittxija tkun diġà tista' tiġi rkuprata minn reġistru ieħor, ir-rekwiżiti tal-format jistgħu jiġu rinunzjati. Ir-reġistri ċentrali jistgħu jindikaw is-sors ta' tali data meta juru r-riżultati tat-tiftix lill-utenti.

(10) Ir-reġistrazzjonijiet li jsiru qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiġux affettwati mir-rekwiżiti tal-format immedjatament. Madankollu, ikun raġonevoli għall-Istati Membri li jirrikjedu li kwalunkwe aġġornament għal tali informazzjoni eżistenti jenħtieġ li jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-reġistri ċentrali jistgħu jqisu din is-sitwazzjoni jekk u meta jirċievu rapporti ta' diskrepanza relatati ma' reġistrazzjonijiet li għad iridu jiġu aġġornati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(11) F'termini tad-data li minnha jinżamm l-interess benefiċjarju, ċerti rwoli fl-arranġamenti ġuridiċi jistgħu joħolqu sfidi. Il-partijiet kollha għal arranġament ġuridiku jenħtieġ li jiġu rreġistrati, peress li dawk il-partijiet kollha jitqiesu bħala sidien benefiċjarji skont ir-Regolament (UE) 2024/1624. Sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti ta' dak ir-Regolament fir-rigward tad-definizzjoni taż-żmien li fih inħoloq l-interess benefiċjarju tal-partijiet, id-data tal-interess benefiċjarju għal settlor jenħtieġ li tkun id-data meta t-trust tibda teżisti formalment. Għal fiduċjarju, għandha tkun id-data tal-ħatra tiegħu. Għall-benefiċjarji, jenħtieġ li tkun id-data li fiha jiġu ddikjarati benefiċjarji fl-att jew identifikati mill-fiduċjarju ta' trust diskrezzjonarju. Għal protettur, għandha tkun id-data tal-ħatra tiegħu.

(12) Sabiex tiġi pprovduta kjarifika ulterjuri dwar ir-reġistrazzjoni ta' ċerti sidien benefiċjarji deċeduti, meta s-sid benefiċjarju ta' arranġament ġuridiku jkun deċedut, dak il-fatt jista' jiġi indikat fil-punti tad-data rilevanti. Madankollu, kwalunkwe data li ġiet sottomessa meta s-sid benefiċjarju kien ħaj jenħtieġ li tkompli tinżamm fir-reġistru f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma tad-data stabbiliti fl-Artikolu 10(20) tad-Direttiva (UE) 2024/1640.

(13) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("il-GDPR") japplika għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.

(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u ta opinjoni fl-14 ta' Jannar 2026.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u tal-Iffinanzjar tat-Terroriżmu.

(16) Billi r-Regolament (UE) 2024/1624 jibda japplika mill-10 ta' Lulju 2027, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika mill-istess data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Formati għas-sottomissjoni tad-data dwar is-sidien benefiċjarji

1. Id-data dwar is-sidien benefiċjarji għandha tiġi sottomessa fil-formati li ġejjin:

(a) isem/ismijiet: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri li jkun fiha l-ismijiet sħaħ tas-sid benefiċjarju;

(b) kunjom(ijiet): sekwenza ta' karattri, ittri jew numri li jkun fiha l-kunjomijiet sħaħ tas-sid benefiċjarju;

(c) post tat-twelid: sekwenza ta' ittri jew numri;

(d) data tat-twelid: data li fiha s-sena, ix-xahar u l-jum, kif speċifikat fl-Anness II;

(e) indirizz residenzjali: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri, kif speċifikat fl-Anness III;

(f) pajjiż tar-residenza: serje li jkun fiha mill-inqas il-pajjiżi elenkati f'ISO 3166-1 alpha-3;

(g) nazzjonalitajiet: serje li jkun fiha mill-inqas il-pajjiżi elenkati f'ISO 3166-1 alpha-3 u għażla alternattiva ta' "apolida";

(h) tip tad-dokument ta' identità: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

(i) numru tad-dokument tal-identità: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

(j) pajjiż li qed joħroġ id-dokument ta' identità serje li jkun fiha mill-inqas il-pajjiżi elenkati f'ISO 3166-1 alpha-3.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta s-sid benefiċjarju jkun miet, dak il-fatt jista' jiġi indikat minflok id-data speċifikata fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (j).

3. Id-data dwar in-natura u l-firxa tal-interess benefiċjarju u dwar is-sidien benefiċjarji għandha tiġi sottomessa fil-formati li ġejjin:

(a) tip ta' interess proprjetarju fl-entità ġuridika: serje, li tippermetti għażliet multipli, li għandha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

  (i) sjieda diretta;

  (ii) sjieda indiretta;

(b) għal arranġamenti ġuridiċi, persuni fiżiċi, imsemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2024/1624, li ġew identifikati bħala sidien benefiċjarji: serje, li tippermetti għażliet multipli, li għandha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

  (i) settlor;

  (ii) trustee;

  (iii) benefiċjarju

  (iv) oġġett ta' setgħa;

  (v) riċevitur awtomatiku;

  (vi) protettur;

  (vii) kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll aħħari fuq l-arranġament ġuridiku permezz ta' sjieda diretta jew indiretta jew b'mezzi oħrajn, inkluż permezz ta' katina ta' kontroll jew sjieda;

(c) għal entitajiet ġuridiċi, persuni fiżiċi, imsemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2024/1624 li ġew identifikati bħala sidien benefiċjarji: serje, li tippermetti għażliet multipli, li għandha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

(i) fundatur:

(ii) membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu;

(iii) membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

(iv) benefiċjarju;

(v) kwalunkwe persuna fiżika oħra li tikkontrolla direttament jew indirettament l-entità ġuridika;

(d) perċentwal ta' interess proprjetarju f'entità korporattiva: perċentwal li jippermetti żewġ punti deċimali;

(e) natura ta' kontroll fuq l-entità ġuridika: serje, li tippermetti għażliet multipli, li għandha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

(i) kontroll permezz tas-sjieda;

(ii) kontroll permezz tad-drittijiet tal-vot;

(iii) kontroll permezz tad-dritt tal-ħatriet;

(iv) kontroll permezz tad-drittijiet tal-veto;

(v) kontroll permezz tad-distribuzzjoni tal-profitti;

(vi) kontroll permezz ta' ftehimiet formali jew informali;

(vii) kontroll permezz ta' relazzjonijiet bejn il-membri tal-familja;

(viii) kontroll tal-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot permezz ta' azzjoni flimkien ma' oħrajn;

(ix) kontroll permezz ta' arranġamenti ta' persuna nominata;

(f) data li minnha jibda jinżamm l-interess benefiċjarju: data li fiha s-sena, ix-xahar u l-jum, kif speċifikat fl-Anness II.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, meta l-entità jew l-arranġament ġuridiku jkun impriża ta' investiment kollettiv, id-data dwar in-natura u l-firxa tal-interess benefiċjarju għandha tiġi sottomessa fil-formati li ġejjin:

(a) żamma diretta jew indiretta tal-unitajiet miżmuma f'impriża ta' investiment kollettiv: perċentwal li jippermetti żewġ punti deċimali;

(b) kapaċità ta' definizzjoni jew influwenza tal-politika ta' investiment tal-impriża ta' investiment kollettiv: sekwenza ta' karattri, ittri u numri, jew fajl imtella';

(c) kontroll tal-attivitajiet tal-impriża ta' investiment kollettiv permezz ta' mezzi oħrajn: sekwenza ta' karattri, ittri u numri, jew fajl imtella'.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta d-data meħtieġa tkun diġà disponibbli f'reġistru ieħor jew irrapportata lilu u tkun tista' tintwera lill-utent finali f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2024/1624 u ma' dan ir-Regolament, l-entità responsabbli għar-reġistru ċentrali għandha terġa' tuża din id-data jew titlobha fil-format diġà disponibbli u stabbilit.

6. Meta ma jkunx possibbli li jiġi identifikat sid benefiċjarju, il-ġustifikazzjoni dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' sid benefiċjarju għandha tiġi sottomessa fil-format ta' serje li jkollha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

(a) Jekk sid benefiċjarju ma jeżistix:

(i) is-sjieda tal-entità ġuridika tkun mifruxa b'tali mod li ħadd ma jkollu interess proprjetarju suffiċjenti, u ħadd ma jkollu kontroll permezz ta' mezzi oħra;

(ii) l-entità ġuridika ma għandha l-ebda sidien ġuridiċi kif joħroġ mid-definizzjoni nfisha, u ħadd ma għandu interess ta' kontroll, u lanqas kontroll b'mezzi oħra;

(iii) is-sid benefiċjarju tal-arranġament ġuridiku miet;

(iv) is-sid benefiċjarju tal-arranġament ġuridiku jkun dixxendent fil-ġuf;

(b) Sid benefiċjarju ma setax jiġi ddeterminat wara li ġew eżawriti l-mezzi kollha ta' identifikazzjoni previsti fl-Artikoli 51 sa 57 tar-Regolament (UE) 2024/1624.

7. Id-data dwar l-uffiċjali maniġerjali għolja għandha tiġi ppreżentata f'konformità mal-formati stabbiliti fil-paragrafu 1. Id-deroga stabbilita fil-paragrafu 5 għandha tapplika bl-istess mod għal dan il-paragrafu.

8. Id-data dwar il-persuna responsabbli għaż-żamma tal-informazzjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2024/1624 għandha tiġi sottomessa fil-formati li ġejjin:

(a) identità tal-persuna: il-format għandu jkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (h), (i) u (j) ta' dan l-Artikolu:

(b) dettalji ta' kuntatt tal-persuna: indirizz postali konformi mal-format speċifikat fl-Anness III, indirizz elettroniku jew numru tat-telefown.

Artikolu 2

Formati għas-sottomissjoni ta' data dwar entitajiet ġuridiċi

1. Id-data dwar l-entitajiet ġuridiċi għandha tiġi sottomessa fil-formati li ġejjin:

(a) isem tal-entità ġuridika: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

(b) forma ġuridika:

(i) għal entitajiet ġuridiċi maħluqa fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, serje li jkun fiha il-forom ġuridiċi differenti permessi f'dak l-Istat Membru;

(ii) għal entitajiet ġuridiċi maħluqa barra mill-Unjoni Ewropea, serje li jkun fiha mill-inqas it-termini "Kumpanija", "Fondazzjoni" u "Oħrajn";

(c) indirizz tal-uffiċċju reġistrat jew uffiċjali: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri, kif speċifikat fl-Anness III;

(d) indirizz tal-post prinċipali ta' negozju meta differenti mill-indirizz skont il-punt (c): sekwenza ta' karattri, ittri jew numri, kif speċifikat fl-Anness III;

(e) pajjiż tal-ħolqien: serje li jkun fiha mill-inqas il-pajjiżi elenkati f'ISO 3166-1 alpha-3;

(f) ismijiet tar-rappreżentanti ġuridiċi:

(i) għal persuna fiżika, il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b);

(ii) għal persuna ġuridika, il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat f'dan il-paragrafu, il-punti (a) u (b);

(g) raġuni għaliex saret reġistrazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi barra mill-Unjoni: serje, li tippermetti għażliet multipli, li fiha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

(i) l-entità ġuridika tkun qed tidħol f'relazzjoni tan-negozju ma' entità marbuta b'obbligu tal-Unjoni;

(ii) l-entità ġuridika tkun qed takkwista proprjetà immobbli fl-Unjoni;

(iii) l-entità ġuridika qed takkwista, fil-kuntest ta' tranżazzjoni okkażjonali, vetturi bil-mutur, inġenji tal-ilma jew inġenji tal-ajru, li jissodisfaw jew jaqbżu l-limiti speċifikati fl-Artikolu 67(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1624;

(iv) l-entità ġuridika tkun qed tingħata kuntratt pubbliku għal prodotti jew servizzi, jew konċessjonijiet minn awtorità kontraenti fl-Unjoni;

(h) dokumenti relevanti u deskrizzjoni fir-rigward tal-punt (g): sekwenza ta' karattri, ittri u numri, u fajl imtella'.

(i) deskrizzjoni tal-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll: fajl imtella', jew is-sottomissjoni ta' data strutturata, kif speċifikat fl-Anness I;

(j) fejn japplika l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/1624, fil-klassi ta' benefiċjarji u l-karatteristiċi ġenerali tagħha għandhom jiġu identifikati: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri għandha tintuża għad-deskrizzjoni tal-klassi tal-benefiċjarji u l-karatteristiċi ġenerali tagħha.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta d-data meħtieġa tkun diġà disponibbli f'reġistru ieħor jew irrapportata lilu u tkun tista' tintwera lill-utent finali f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2024/1624 u ma' dan ir-Regolament, l-entità responsabbli għar-reġistru ċentrali għandha terġa' tuża din id-data jew titlobha fil-format diġà disponibbli u stabbilit.

Artikolu 3

Formati għas-sottomissjoni ta' data dwar arranġamenti ġuridiċi

1. Id-data dwar l-arranġamenti ġuridiċi għandha tiġi sottomessa fil-formati li ġejjin:

(a) isem l-arranġament ġuridiku: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

(b) identifikatur uniku tal-arranġament ġuridiku: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

(c) informazzjoni dwar l-att fiduċjarju jew l-ekwivalenti: fajl imtella', li jippermetti li jittella' l-att fiduċjarju jew l-ekwivalenti, u kwalunkwe addenda jew dokumenti vinkolanti oħra relatati mal-att; fejn l-att fiduċjarju jew l-ekwivalenti ma jeżistix, sekwenza ta' karattri, ittri jew numri għandhom minflok jintużaw biex jipprovdu deskrizzjoni ġenerali, ikkumplementata mill-punti ta' data li ġejjin:

  (i) tip ta' saldu: serje, li tippermetti għażliet multipli, li fiha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

    (1) unilaterali;

    (2) strument bil-miktub iffirmat mis-settlor u l-fiduċjarju;

    (3) inter vivos;

    (4) testamentarju;

    (5) notarili;

  (ii) liġi li tirregola l-arranġament ġuridiku: serje li jkun fiha mill-inqas il-pajjiżi elenkati f'ISO 3166-1 alpha-3;

  (iii) revokabbiltà tal-arranġament ġuridiku: serje li tippermetti mill-inqas l-alternattivi revokabbli u irrevokabbli;

  (iv) kwalunkwe setgħa ta' riżerva mis-settlor, fejn applikabbli: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

  (v) dmirijiet, setgħat u restrizzjonijiet tal-protettur fejn applikabbli: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

  (vi) persuni esklużi, fejn applikabbli; sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

  (vii) data tas-saldu oriġinali: data li fiha s-sena, ix-xahar u l-jum, kif speċifikat fl-Anness II;

(d) l-iskop tal-arranġament ġuridiku, jekk hemm: serje li għandha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin:

  (i) immaniġġjar tal-assi – proprjetà immobbli;

  (ii) immaniġġjar tal-assi – immaniġġjar tat-titoli u tal-likwidità;

  (iii) immaniġġjar tal-assi – immaniġġjar tal-wirt;

  (iv) immaniġġjar tal-assi – natura mħallta tal-assi;

  (v) skopijiet ta' karità/donazzjoni;

(e) valur tal-assi miżmuma fl-arranġament ġuridiku jew immaniġġjati permezz tiegħu; serje li jkollha mill-inqas l-alternattivi li ġejjin relattivi għall-valur tal-assi fil-mument tar-reġistrazzjoni:

  (i) il-valur tal-assi jkun inqas minn EUR 1 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

  (ii) il-valur tal-assi jkun bejn EUR 1 000 u EUR 10 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

  (iii) il-valur tal-assi jkun bejn EUR 10 000 u EUR 100 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

  (iv) il-valur tal-assi jkun bejn EUR 100 000 u EUR 1 000 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

(v) il-valur tal-assi jkun bejn EUR 1 000 000 u EUR 10 000 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

(vi) il-valur tal-assi jkun bejn EUR 10 000 000 u EUR 50 000 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

(vii) il-valur tal-assi jkun aktar minn EUR 50 000 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali;

(f) post ta' residenza tal-fiduċjarju jew tal-persuna li għandha karigi ekwivalenti f'arranġamenti ġuridiċi simili: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punt (e), ripetibbli f'każ li hemm iktar minn persuna waħda;

(g) post ta' amministrazzjoni, meta differenti mill-post tar-residenza: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punt (e), ripetibbli f'każ li hemm iktar minn persuna waħda;

(h) deskrizzjoni tal-benefiċjarji: serje, li tippermetti għażliet multipli, li għandha l-alternattivi li ġejjin:

(i) identifikabbli individwalment u rrapportati bħala sidien benefiċjarji;

(ii) mhux identifikabbli/klassi ta' benefiċjarji; sekwenza ta' karattri, ittri jew numri għandha tintuża għad-deskrizzjoni ulterjuri tal-klassi tal-benefiċjarji, fejn xieraq;

(i) raġuni għaliex saret reġistrazzjoni għal arranġamenti ġuridiċi amministrati barra mill-Unjoni: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt (g);

(j) dokument/i relevanti u deskrizzjoni fir-rigward tal-punt (i): il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt (h);

(k) deskrizzjoni tal-istruttura tas-sjieda jew tal-kontroll: fajl imtella', jew is-sottomissjoni ta' data strutturata, kif speċifikat fl-Anness I;

(l) għal trusts diskrezzjonarji fejn oġġetti ta' setgħa jew riċevituri awtomatiċi jistgħu jiġu identifikati, individwalment jew bħala klassijiet:

(i) ismijiet u kunjomijiet ta' persuni fiżiċi li ġew identifikati bħala oġġetti ta' setgħa: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b);

(ii) ismijiet ta' entitajiet u arranġamenti ġuridiċi li ġew identifikati bħala oġġetti ta' setgħa: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fi:

(1) L-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (e), għall-entitajiet ġuridiċi;

(2) dan l-Artikolu u l-paragrafu, il-punti (a) u (b), għall-arranġamenti ġuridiċi;

(iii) deskrizzjoni tal-oġġetti ta' setgħa li huma klassijiet: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri;

(iv) ismijiet u kunjomijiet ta' persuni fiżiċi li ġew identifikati bħala riċevituri awtomatiċi: il-format għandu jkun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b);

(v) ismijiet ta' entitajiet u arranġamenti ġuridiċi li ġew identifikati bħala riċevituri awtomatiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fi:

(1) L-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (e), għall-entitajiet ġuridiċi;

(2) dan l-Artikolu u l-paragrafu, il-punti (a) u (b), għall-arranġamenti ġuridiċi;

(vi) deskrizzjoni tar-riċevituri awtomatiċi li huma klassijiet: sekwenza ta' karattri, ittri jew numri.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta d-data meħtieġa tkun diġà disponibbli f'reġistru ieħor jew irrapportata lilu u tkun tista' tintwera lill-utent finali f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2024/1624 u ma' dan ir-Regolament, l-entità responsabbli għar-reġistru ċentrali għandha terġa' tuża din id-data jew titlobha fil-format diġà disponibbli u stabbilit.

Artikolu 4

Formati għall-preżentazzjoni tad-data dwar il-persuni nominati

1. Id-data dwar il-persuni nominati għandha tiġi ppreżentata fil-formati li ġejjin:

(a) ismijiet tal-azzjonisti mandatarji għall-azzjonisti mandatarji li huma persuni fiżiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (h), (i) u (j);

(b) ismijiet tal-azzjonisti mandatarji għall-azzjonisti mandatarji li huma persuni ġuridiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (e);

(c) status u relazzjoni mal-entità ġuridika tal-azzjonist nominat:

(i) id-data meta beda l-arranġament tal-persuna nominata;

(ii) serje li jkun fiha mill-inqas l-alternattivi "Hemm kuntratt formali ta' persuna nominata" u "Hemm ftehim informali ta' persuna nominata";

(iii) sekwenza ta' karattri, ittri jew numri li jkun fiha deskrizzjoni tan-natura tal-arranġament tal-persuna nominata;

(d) ismijiet tad-diretturi nominati għal diretturi mandatarji li huma persuni fiżiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (h), (i) u (j);

(e) ismijiet tad-diretturi nominati għal diretturi nominati li huma persuni ġuridiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (e);

(f) status u relazzjoni mal-entità ġuridika tad-direttur nominat:

(i) id-data meta beda l-arranġament tal-persuna nominata;

(ii) serje li jkun fiha mill-inqas l-alternattivi "Hemm kuntratt formali ta' persuna nominata" u "Hemm ftehim informali ta' persuna nominata";

(iii) sekwenza ta' karattri, ittri jew numri li jkun fiha deskrizzjoni tan-natura tal-arranġament tal-persuna nominata;

(g) identità tan-nominatur għan-nominaturi li huma persuni fiżiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (h), (i) u (j);

(h) identità tan-nominaturi għan-nominaturi li huma persuni ġuridiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (e);

(i) is-sidien benefiċjarji tan-nominatur għan-nominaturi li huma persuni ġuridiċi: il-format għandu jkun l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (h), (i) u (j).

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta d-data meħtieġa tkun diġà disponibbli f'reġistru ieħor jew irrapportata lilu u tkun tista' tintwera lill-utent finali f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2024/1624 u ma' dan ir-Regolament, l-entità responsabbli għar-reġistru ċentrali għandha terġa' tuża din id-data jew titlobha fil-format diġà disponibbli u stabbilit.

Artikolu 5

Lista ta' kontroll

L-entitajiet responsabbli għar-reġistri ċentrali jistgħu jaċċettaw informazzjoni sottomessa dwar is-sjieda benefiċjarja biss meta jkunu preżenti mill-inqas l-elementi li ġejjin u meta dik is-sottomissjoni tikkonforma mal-punti rilevanti tal-Artikoli 1, 2 u 3:

(a) għal sid benefiċjarju:

(i) data personali: Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (j);

(ii) id-data dwar in-natura u l-firxa tal-interess benefiċjarju u dwar is-sid(ien) benefiċjarji tal-entità ġuridika jew l-arranġament ġuridiku: l-entrata/entrati relevanti tal-Artikolu 1(3) jew (4), kif xieraq;

(b) għal entità ġuridika:

(i) data bażika: Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (f);

(ii) data dwar l-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll: fejn l-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll fiha aktar minn entità ġuridika waħda jew arranġament ġuridiku wieħed, l-Artikolu 2(1), il-punti (i);

(iii) għal entitajiet ġuridiċi li huma kumpaniji, u meta disponibbli: l-EUID ([5]).

(c) għal arranġament ġuridiku:

(i) data bażika: Artikolu 3(1), il-punti (a) sa (h)

(ii) data dwar l-istruttura tas-sjieda jew tal-kontroll: fejn l-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll fiha aktar minn entità ġuridika waħda jew arranġament ġuridiku wieħed, l-Artikolu 3(1), il-punt (k).

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-10 ta' Lulju 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Kif imsemmi fit-Taqsima 9 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1042 tat-18 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2244 (ĠU L 225, 25.6.2021, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1042/oj).

ANNESS I

Deskrizzjoni tal-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll

Għall-finijiet tal-Artikolu 2(1), il-punt (i), u l-Artikolu 3(1), il-punt (k), il-fajl imtella' jew id-data strutturata għandu jkun fihom waħda minn dawn li ġejjin:

(a) rappreżentazzjoni viżiva tal-istruttura tas-sjieda jew tal-kontroll li l-entità ġuridika jew l-arranġament ġuridiku jappartjenu għaliha, u li tkun rilevanti għall-identifikazzjoni tas-sid/ien benefiċjarju/benefiċjarji ("organigramma");

(b) prova li s-sjieda hija mxerrda sabiex ħadd ma jkollu interess ta' kontroll, u lanqas kontroll permezz ta' mezzi oħra.

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun ċara u leġibbli fl-organigramma:

(a) l-ismijiet u, fejn applikabbli, in-numri ta' reġistrazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi u l-arranġamenti ġuridiċi kollha li huma s-sidien tal-entità ġuridika jew l-arranġament ġuridiku jew jikkontrollawhom, u jekk kull waħda minnhom hijiex waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

  (1) entità ġuridika;

  (2) arranġamenti legali;

  (3) nominatur jew persuna nominata;

(b) l-ismijiet tal-persuni fiżiċi kollha li jaġixxu bħala persuni nominati, fejn applikabbli;

(c) in-natura u l-firxa tas-sjieda jew tal-kontroll fuq l-entità ġuridika jew l-arranġament ġuridiku, inkluża informazzjoni dwar jekk hijiex:

  (1) diretta jew indiretta.;

  (2) permezz ta' interess proprjetarju jew mezzi oħra li għandhom jiġu speċifikati kif xieraq;

  (3) fejn applikabbli, il-perċentwal, li jippermetti żewġ punti deċimali, tal-interess proprjetarju;

(d) rappreżentazzjoni viżiva tar-relazzjoni bejn is-sidien benefiċjarji tal-entità ġuridika jew l-arranġament ġuridiku u l-entitajiet u l-arranġamenti ġuridiċi kollha li huma parti mill-istruttura ta' sjieda u kontroll.

ANNESS II

Format tad-dati

Id-dati għandhom jiġu fformattjati bħala ssss-xx-jj, fejn ssss hija s-sena, xx huwa x-xahar u jj huwa l-jum, kollha espressi f'numri.

ANNESS III

Format tal-indirizzi

L-indirizzi għandhom ikunu fformattjati kif ġej:

Isem it-triq jew id-dar (informazzjoni obbligatorja)

Numru (informazzjoni volontarja)

Indirizz linja 2 (informazzjoni volontarja)

Indirizz linja 3 (informazzjoni volontarja)

Belt (informazzjoni obbligatorja)

Kodiċi postali (informazzjoni obbligatorja)

Pajjiż (f'konformità mal-ISO 3166-1 alpha-3, informazzjoni obbligatorja)